GUDJA

Minuti tat-tlettin laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali għall-Gudja li saret fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ħamis 30 ta' Ġunju 2011.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku: | John Mary Calleja |
| | Kunsillieri: | Mark Anthony Sammut u Osvaldo Pace |
| Skużati: | Viċi-Sindku: | Romeo Baldacchino |
| | Kunsillier: | Anthony Dalli |

Agenda:

1. Approvazzjoni ta' minuti – 29/6 (06/06/2011)

2. Kommunikazzjonijiet:-
   a. Sindku
   b. Viċi-Sindku
   c. Kunsillieri

3. Rapporti:-
   a. Ilmenti
   b. Ittri li ntbagħatu
   c. Ittri li rċevejna

4. Proġett ta' toroq (Triq l-Awrekarja, p/o Triq J. Gravina u Triq Hal Resqun) u Bankina fi Triq William Baker Gudja – Progress

5. Tender 01/11 – Embellishment tal-Mitħna HOS

6. Jum il-Gudja 2011

7. Finanzi
   a. Petty Cash
   b. Skeda ta' pagamenti
   c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

8. Għeluq tal-laqgħa

Il-laqgħa bdiet fis-5.55p.m. wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri kollha preżenti.

**1.0 Approvazzjoni ta' minuti – 29/6 (06/06/2011)**

1.1 Il-minuti tal-laqgħa tas-06 ta' Ġunju 2011 li ġew ċirkulati għand il-kunsillieri kollha qabel din il-laqgħa ġew approvati nem con.

**2.0 Kommunikazzjonijiet**

2.1.0 Sindku - Sur John-Mary Calleja

2.1.1 Single yellow line – quddiem id-dar tas-Sur Angelo Gafa' fi Triq Bettina, Gudja. Is-Sindku qal li s-Sur Gafa' ilu jilmenta li qed issibu diffiċli li joħroġ minn daru peress li qed ikun hemm parkeġġ quddiem il-bieb tad-dar tiegħu li jkun qed jostakola l-ħruġ mid-dar. Il-Kunsill qabel li jikteb lit-TM sabiex tagħti l-permess meħtieġ sabiex issir dan is-sinjal isfar kif ikun awtorizzat mit-TM.

2.1.2 Gabbani (kiosks) għal festa ta' Santa Marija – 15 t'Awwissu 2011. Is-Sindku qal li l-Kunsill jirrevedi l-policy u l-proċedura tiegħu dwar dan sabiex ikun jista jamministra aħjar speċjalment għal waqt il-festi. Is-Sindku qal li fil-fehma tiegħu hemm lok għal dawn il-gabbani:-

3 tal-ikel u xorb
1 ġelati
1 toys
Dawk tal-qubbajt jiġu aċċettati kollha kif japplikaw.

Ftuħ tal-applikazzjonijiet: 16 ta' Lulju 2011 u jagħlqu fit-08 t'Awwissu 2011.

Proċedura:- L-applikazzjonijiet jiġu konsidrati wara li kull min japplika ikollu d-dokumenti kollha meħtieġa.

Pagament isir skond it-tariffa stabbilita.

Kull min japplika jiġi marbut li jimxi skond il-liġi u li jrid inaddaf il-post u li jieħu miegħu kull ħmieġ li jkun iġġema kif appena iżarma minn fuq il-post.

L-allokazzjoni tal-posta hija fid-diskrezzjoni assoluta tal-Kunsill u li hija inappellabbli.

Jekk jiġi u jkun hemm aktar applikazzjonijiet milli hemm posti, l-għazla issir permezz li jitgħellu bil-polza u jkun hemm ukoll lista ta' riserva.

Dawn il-festi li jsiru ġewwa l-Gudja f'Ottubru 2011 il-Kunsill għandu jerġa jara l-policy u l-proċedura fi żmien opportun iżda sa mhux anqas minn xahar qabel il-ġurnata ta' l-ewwel festa li tkun sejra tiġi ċelebrata ġewwa l-Gudja.

Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel ma' dak li qal is-Sindku u għalhekk il-proċedura li tiġi segwita għal festa ta' Santa Marija 15 t'Awwissu 2011 għandha tkun dik kif ġiet approvata u kif hija indikata hawn fuq f'dawn il-minuti.

2.1.3 Xiri jew kiri ta' van pick up sabiex ikun jista iġorru xi għodda u materjal għal ħaddiema meta jkunu qed jaħdmu fuq barra. Is-Sindku qal li dan huwa meħtieġ. Il-Kunsill qabel li tinkiseb aktar informazzjoni dwar spejjeż kemm ta' xiri u żamma u li dan jiġi konsidrat fil-laqgħat li jmiss tal-Kunsill.

2.1.4 Funtana fi Ġnien G. Cassar ta' Xlejli, Gudja. Is-Sindku qal li din il-funtana issa ġeit imnaddfa mill-ġebel u sejjer ukoll issir xogħol ieħor ta'manutenzzjoni kemm fil-playing field kif ukoll f'inħawi oħra sabiex dan il-Ġnien ikollu dehra u ambjent aħjar. Il-Kunsill qabel li għandu jsir xogħol meħtieġ li din il-funtata terġa tibda taħdem għaliex tagħti dehra u ambjent aħjar.

2.2.0 Viċi-Sindku – Sur Romeo Baldacchino

2.2.1 Is-Sur Baldacchino bagħat jikkomunika li qed jaħdem fuq diversi proġetti taħt id-dekasteru tiegħu.

2.3.0 Kunsillieri

2.3.1 Sur Mark Anthony Sammut
a. Is-Sur Sammut qal li sar jaf li wieħed miż-żgħażagħ li kienu telgħu bil polza u li anke kien ħallas, inqalgħatlu problema u kif ċertifikat mit-tabib ma

jistax jagħmel il-vjaġġ. Is-Sur Sammut qal li fuq il-lista kien imiss is-Sur Philip Abela u għalhekk qed jittieħdu proċeduri sabiex mal-grupp jitla is-Sur P. Abela.

Is-Sur Sammut qal li fiċ-ċirkustanzi qed jirrakkomanda li jingħataw il-flus lura kollha (€130.00) dwar dak li ħallas u l-Kunsill jara li jiġbor kemm jista' u jekk ikun hemm xi shortfall din tgħaddi sabiex titħallas mill-Kunsill.

Il-Kunsill qabel dwar dan u li jsiru l-proċeduri meħtieġa wara li l-group jirritorna mill-Bulgarija.

b. FunRun ġewwa l-Gudja. Is-Sur Sammut qal li din il-FunRun saret attivita popolari u anke din is-sena għalkemm sejjer ikun hemm xi attivitajiet oħra li jinġbdu lejhom atleti li soltu jieħdu sehem f'din il-FunFun, sejra ukoll tkun suċċess.

Is-Sur Sammut qal li l-Kunsill għandu jiprepara għal medalji għal kull parteċipant, ilma u frott għal kull min ħa jieħu sehem. Is-Sur Sammut qal li l-Kunsill għandu jipprepara għas-sigurta meħtieġa. Il-Kunsill qabel ma' dak li qal u talab is-Sur Sammut u qabel ukoll li tinġabar donazzjoni ta' €5.00 min kull parteċipant u li s-somma miġbura tingħata għal Fond Puttinu Cares.

2.3.2 Sur Osvaldo Pace

a. Is-Sur Pace informa l-Kunsill dwar il-programm tal-Youth Exchange li kien qed jaħdem fuqu flimkien mas-Sur Sammut li issa wasal fi stadju finali għaliex huwa, flimkien mal-grupp taż-żgħażagħ mill-Gudja sejjer iħallu Malta nhar il-Ġimgħa 22 ta' Lulju 2011 u jiġu lura t-Tnejn 01 t'Awwissu 2011.

Is-Sur Pace qal li dawn iż-żgħażagħ kienu qed iħejju ruħhom sewwa sabiex itellu programm fil-Bulgarija kif huwa meħtieġ.

Is-Sur Pace talab sabiex jinxtraw set ta' flokkijiet għal parteċipanti kif ukoll li jkollhom tifkiriet sabiex il-grupp jagħti lill-organizatturi.

Il-Kunsill qabel u approva s-somma massima ta' €350.00 sabiex jinxtraw dak li talab is-Sur Pace. Il-Kunsill qabel ukoll li jikseb mingħand l-Malta Tourism Authority (MTA) materjal ta' pubbliċita sabiex il-grupp ikun jista' jieħu miegħu ġewwa l-Bulgarija. Il-Kunsill awgura kull suċċess lill-parteċipanti għal waqt din iż-żjara ġewwa l-Bulgarija.

## 3.0 Rapporti

3.1.0 Ilmenti

3.1.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni ta' l-ilmenti dwar il-knis u żamma tal-ġonna u qabel li jkompli jinsisti mal-kuntrattur sabiex jagħmel ix-xogħol sewwa kif meħtieġ u jekk jonqos li jissodisfa lill-Kunsill dan il-kuntrattur għandu jingħata avviż ta'nuqqas (default notice) skond it-termii tal-kuntratt eżistenti.

3.2.0 Ittri li ntbagħatu

3.2.1 Il-Kunsill ġie infurmat u ħa konjuzjoni dwar il-kontenut ta' ittri li ntbagħatu speċjalment swar il-korrispondenza mal-kuntrattur is-Sur Saviour Mangion ta' Mangion Brothers Żurriq Ltd u qabel li jkompli jsegwi l-azzjonijeit sabiex jinkiseb progress kif meħtieġ fl-aħjar interess tal-Kunsill.

3.3.0 Ittri li rċevejna

3.3.1 Il-Kunsill ġie infurmat u ħa konjużjoni dwar l-ittri li rċevejna u qabel li jieħu l-passi meħtieġa u ssegwi l-azzjonijiet dwar l-interess tal-Kunsill.

**4.0 Proġett ta' toroq (Triq l-Awrekarja, p/o Triq J. Gravina u Triq Hal Resqun) u parti ta' resurfacing u Bankina fi Triq William Baker u Triq il-Kappillan il-Gudja – Progress**

4.1.1 Triq l-Awrekarja, il-Gudja. Il-Kunsill ġie infurmat li x-xogħol fuq il-bankina kif ukoll ix-xogħol ta' resurfacing huwa lest. Il-Kunsill qabel u approva li jagħmel pagament ta' €9000.00 akkont dwar resurfacing u wara jsiru testijiet meħtieġa sabiex il-Perit William Lewis ikun jista' jagħmel ukoll l-kejl u l-Kunsill jikkonsidra l-ħlas tal-kont finali kif ikun dovut.

4.2 Parti minn Triq Joseph Gravina, il-Gudja. Il-Kunsill ġie infurmat li jidher li x-xogħol fuq parti tat-triq kif kien ippjanat li jsir mill-Kunsill sejjer issir mit-Trasport Mlata u wera x-xewqa li jagħmel rappreżentanza mat-TM li anke dik il-biċċa żgħira li tkun fadal issir ukoll mit-TM għaliex din ukoll taqqad l-area tal-Qasam tad-Djar ma' triq arterjali li minnha qed jgħaddi ħafna traffiku minħabba l-proġett ta' toroq maġġuri ta' TM.

4.3 Triq Ħal Resqun, il-Gudja. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Perit William Lewis ma setax jara l-ħxuna tat-tarmak peress li minkejja li kien diġa miftiehem mal-kuntrattur sabiex iħalli dawn il-ħofor mikxufa sakemm isiru l-ispezzjonijiet, il-kuntratur qabad u għalaqhom u staqsa lill-Perit sabiex ikejjel biss il-biċċiet ta' tarmak li allegatament huma l-partijiet tat-tarmak li ġie imħaffer għat-testijiet.

Dwar il-maqgħad ta' l-ilma li jidher li se jkun hemm f'parti mit-triq, il-Kunsill qabel li l-ħlas li fadallu jieħu l-kuntrattur jiġi approvat meta l-Perit William Lewis ikun jista' joħroġ ċertifikat li x-xogħol ikun sar sewwa kif meħtieġ.

4.4 Parti ta' resurfacing u bankina fi Triq William Baker Gudja. Il-Kunsill ġie infurmat li dan ix-xogħol beda u l-Perit għandu jeżamina din it-triq sewwa sabiex jara li jsir ix-xogħol meħtioeġ u mhux sempliċiment patching li jimla l-ħofor.

**5.0 Tender 01/11 – Embellishemnt tal-Qasam tad-Djar f'Tal-Mitħna – proġett flimkien u iffinanzjat mill-Awtorita tad-Djar.**

5.1 Il-Kunsill ġie infurmat li l-irħass offerta kienet dik ta' Road Maintenance Services Ltd għas-somma ta' €66,369.85 u qabel li jkompli jaħdem dwar dan il-proġett peress li għandu jiġi konkluż sa l-aħħar t'Ottubru 2011.

**6.0 Jum il-Gudja 2011.**

6.1 Il-Kunsill ġie infurmat dwar d-diversi attivitajiet tal-programm li fihom sejrin jieħdu sehem il-Kunsillieri kollha permezz tal-ħidma tad-diversi dekasteri tagħhom.

6.2 Il-programm jibda fil-11 ta' Lulju 2011. Il-qofol ta' dan il-programm jintlaħaq fil-15 ta' Lulju 2011 li huwa l-Jum stabbilit ta' Jum il-Gudja u jkompli bil-Lejla Sajfija bil-kollaborazzjoni mal-Parroċċa sas-17 ta' Lulju 2011.

## 7.0 Finanzi

7.1 Petty Cash. L-iskeda tal-Petty Cash għax-xahar ta' Mejju 2011 b'ammont ta' €114.47 ġie approvat kif ippreżentat.

7.2 Skeda ta' pagamenti. Is-skeda ta' pagamenti għax-xahar ta' Ġunju 2011 għas-somma ta' €26,516.32 ġiet approvata kif ppreżentata wara li ġew imwieġba l-mistoqsijiet dwar xi ammonti murija fuq l-istess skeda ta' pagamenti.

7.3.0 Talbiet għal xiri u xogħlijiet.

7.3.1 Il-Kunsill qabel u approva x-xiri ta' materjal, servizzi u xogħlijiet kif approvati aktar il-quddiem waqt din il-laqgħa u msemmija f'dawn il-minuti.

7.3.2 Il-Kunsill approva ukoll dan ix-xiri u xogħlijiet:-

a. erba' tankijiet żebgħa bajda għas-sinjali tat-toroq.
b. xogħol ta' konkos fl-inħawi ta' wara l-ground, faċċata ta' Palazzo d'Aurel.
c. Preżentazzjoni ta' ċertifikati u festin żghir dwar il-kors ta' First Aid li sar mill-Kunsill Lokali tal-Gudja.

## 8.0 Għeluq tal-laqgħa

8.1 Loading/Unloading bay ħdejn Ġnien Raymond Caruana Gudja. Il-Kunsill qabel li jikseb aktar informazzjoni dwar din it-talba u ara jitlob it-TM sabiex tapprova kif ikun meħtieġ u jiġi assigurat ukoll li dan ma joħloqx inkonvenjent jew perikolu għal kull min ikun irid jiffrekwenta dan il-Ġnien Pubbliku.

Aġġornament

Il-Laqgħa li jmiss sejra ssir nhar il-Ħamis 04 t'Awwissu 2011 fil-5.30p.m.

Il-laqgħa għalqet fit-7.45p.m.

Joseph M. Formosa
Segretarju Esekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku

Approvati: _______________